

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.7.2008
KUMM(2008) 445 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku bejn
il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda u l-Afrika Ċentrali, fuq
in-naħa l-oħra**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-proposti meħmuża jikkostitwixxu l-istrumenti legali għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku (EPA) ta' progress bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Afrika Ċentrali¹, fuq in-naħa l-oħra:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' l-EPA ta' progress.

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bid-data tat-23 ta' Ottubru 2007, u billi ma kienx possibbli li jiġi konkluż EPA sħiħ mar-reġjun kollu ta' l-Afrika Ċentrali² qabel tmiem l-2007, dan l-EPA ta' progress ġie negozjat sabiex jiġi evitat it-taħwid fil-kummerċ bejn l-Afrika Ċentrali, li sakemm jitlesta l-EPA komprensiv mar-reġjun kollu ta' l-Afrika Ċentrali attwalment hi magħmula fl-EPA ta' progress mill-Kamerun. Wara l-bidu ta' dan l-EPA ta' progress fis-17 ta' Diċembru 2007, il-Kamerun żdied mal-lista ta' pajjiżi li jibbenefikaw mis-sistema ta' kummerċ ta' EPA stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007, adottat fl-20 ta' Diċembru 2007. Dan ir-Regolament jipprovdi applikazzjoni avvanzata għas-sistema kummerċjali ta' l-EPA. Dan żgura li ma kienx hemm tfixkil fil-kummerċ għall-Kamerun ma' l-iskadenza fil-31 ta' Diċembru 2007 tad-dispożizzjonijiet kummerċjali definiti fl-Anness V tal-Ftehim ta' Cotonou u r-rinunzja tad-WTO li tkoprihom.

Bħall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDC), il-pajjiżi l-oħra ta' l-Afrika Ċentrali, ħlief għall-Gabon u r-Repubblika tal-Kongo, jibbenefikaw mill-inizjattiva Kollox Minbarra Armi (EBA) mill-1 ta' Jannar 2008. Din is-sistema b'mod wiesa' hi ekwivalenti għas-sistema kummerċjali tranżitorja ta' Cotonou u għalhekk ma tfixkilx il-kummerċ tagħhom mal-Komunità Ewropea. Il-Gabon u r-Repubblika tal-Kongo huma soġġetti għas-sistema regolari tal-GSP mill-1 ta' Jannar 2008 iżda kienu offruti l-possibbiltà li jissieħbu fl-EPA ta' progress. Sa issa, għadhom ma ddeċidewx li jagħmlu dan.

L-EPA ta' progress għandu dispożizzjonijiet dwar Kummerċ f'Merkanziji, jiġifieri Miżuri Doganali u Mhux ta' Tariffi, Strumenti għad-Difiża tal-Kummerċ, Sistema Doganali u Faċilitar Kummerċjali, Ostakoli Tekniċi għal Kummerċ u Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, u Governanza tal-Foresti u l-Kummerċ għal Prodotti Relatati ma' Foresti. Għandu wkoll dispożizzjonijiet dwar Kooperazzjoni għall-Iżvilupp li jistabbilixxu oqsma ta' prijetà ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tiegħu. L-EPA ta' progress jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni ta' żvilupp lejn it-tisħiħ tal-kapaċità u r-rinforz ta' l-ekonomiji nazzjonali fl-Afrika Ċentrali. Dan ifakkar ukoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri li jikkontribwixxu għal fond ta' żvilupp reġjonali.

In-negozjar ta' EPA sħiħ ma' l-istati kollha ta' l-Afrika Ċentrali jkompli, b'mod konsistenti mad-direttivi ta' negozjar għal EPAs ma' l-Istati ta' l-AKP adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Ġunju 2002. L-EPA ta' progress iffirmat mill-Kamerun maħsub li jkun disponibbli għar-reġjun b'mod sħiħ. Hu jestendi ruħu bir-riżultati tan-negozjati għal EPA sħiħ milħuqa fl-

¹ F'dan l-istadju, u għal finijiet ta' l-EPA ta' progress attwali, il-parti msejħa l-Afrika Ċentrali hi magħmula mill-Kamerun li hu l-uniku pajjiż iffirmah sa issa.

² Il-pajjiżi ta' dan ir-reġjun huma l-Kamerun, ir-Repubblika Ċentrali Afrikana, iċ-Ċad, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Kongo, il-Ginea Ekwatorjali, il-Gabon, Sao Tomé u Príncipe.

2008. Għalhekk hu jipprevedi l-kontinwazzjoni tan-negozjati fil-livell reġjonali dwar l-Istabbilment, is-Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku u r-regoli Relatati mal-Kummerċ.

Sakemm dan jidħol fis-seħħ, l-EPA ta' progress jipprevedi l-applikazzjoni proviżorja tiegħu.

Il-Kummissjoni qieset ir-risultati tan-negozjati bħala sodisfaċenti u skond id-direttivi tan-negozjati mill-Kunsill u titlob lill-Kunsill:

- biex jawtorizza l-firma, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' l-EPA ta' progress ma' l-Afrika Ċentrali;
- biex japprova l-applikazzjoni proviżorja ta' l-EPA ta' progress sakemm dan jidħol fis-seħħ.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda u l-Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 133 u 181 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni³,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku mal-pajjiżi ta' l-AKP.
- (2) Dawn in-negozjati għal Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ta' progress (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-EPA ta' progress") ġew konklużi u l-EPA ta' progress bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, fuq naħa, u l-Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra (inkluż il-Kamerun) ġie ffirmat fis-17 ta' Diċembru 2007.
- (3) L-Artikolu 98(4) ta' l-EPA ta' progress bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Afrika Ċentrali għalhekk jistipula l-applikazzjoni proviżorja sad-dħul fis-seħħ tiegħu.
- (4) L-EPA ta' progress għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u applikat fuq bażi proviżorja soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ta' progress bejn l-Afrika Ċentrali u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ta' progress.

It-test tal-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ta' progress huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) mogħtija l-poter li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ta' progress f'isem il-Komunità Ewropea soġġett għall-konklużjoni tagħha.

Artikolu 3

Il-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ta' progress għandu jkun applikat fuq bażi proviżorja kif stipulat fl-Artikolu 98(4) tal-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ta' progress, sakemm jitkomplew il-proċeduri għall-konklużjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika notifika li tagħti tagħrif dwar id-data ta' l-applikazzjoni proviżorja.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT LIMITAT ESKLUSSIVAMENT GĦAN-
NAĦA TAD-DĦUL

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-firma u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku li hu sies importanti bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra.

2. IL-LINJI TAL-BAĠIT:

Il-Kapitolu u l-Artikolu: 12/20

Ammont stmat għas-sena kkonċernata: **16 431 900 000 (PDB 2008)**

3. IMPATT FINANZJARJU

- ☒ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- ☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq, iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Biex tħares l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post skond l-Artikolu 26 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ta' progress. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jitwettqu investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u dawn għandhom jiġu rregolati mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni se twettaq kontrolli regolari fuq il-post u li jkunu bbażati fuq id-dokumenti.

5. RIMARKI OĦRAJN

It-tariffi kollha doganali li baqa' fuq il-prodotti li joriġinaw f'dawk ir-reġjuni ta' l-AKP jew stati li kkonkludew in-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika jew ftehimiet li jinkludu arranġamenti kummerċjali kompatibbli mad-WTO tneħħew permezz ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1528/2007. Għalhekk, ma hemm l-ebda impatt finanzjarju addizzjonali assoċjat ma' din il-proposta.